StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem :** ________________________ **Il-Klassi :** ___________________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Il-Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marki** | **12** | **28** | **6** | **24** | **30** | **100** |
| **Il-Marki tal-istudent/a** | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| A. Silta għall-qari | (12-il marka) |
|---|---|



# Leħen divin għal kawża ġusta

Il-Moviment *Hospice* se jorganizza kunċert biex jgħin jinġabru l-fondi. Dawn il-flus meħtieġa biex *Hospice* ikompli jassisti, mingħajr ħlas, lil dawk il-morda kollha bla tama ta' fejqan u lill-familji tagħhom. Il-viżjoni u l-kuraġġ tal-Moviment kienu ppremjati bl-għażla tat-tenur Malti-Awstraljan Christopher Busietta, li se jkun akkumpanjat mis-Surmast Professur Michael Laus, nhar il-Ħadd, 29 tax-xahar, fil-*Casino Maltese* l-Belt fis-7.30 ta' filgħaxija. *(par. 1)*

Tkellimt ma' Christopher Busietta, li jgħodd 30 sena, u li għaxra minnhom għamilhom f'karriera professjonali tassew interessanti. Imwieled Melbourne l-Awstralja, minn ġenituri Maltin li ħallew lil pajjiżhom wara l-gwerra, Busietta kien involut fil-mużika minn età żgħira. *(par. 2)*

Mistoqsi dwar il-kunċert, Christopher wieġeb b'modestja kbira. Jgħodd ruħu ffortunat li se jaħdem mal-Professur Michael Laus. Qalli: "Il-kapaċità mużikali ta' Mro Laus jaf biha kull min hu midħla tal-kamp mużikali Malti." Michael Laus se jakkumpanja lit-tenur fuq il-pjanu. *(par. 3)*

Aktar informazzjoni dwar il-kunċert tal-*Hospice* fil-*Casino Maltese* tista' tinkiseb permezz tal-*e-mail* hospice@onvol.net. *(par. 4)*

(addattament minn kitba ta' Tony Cassar Darien li dehret f'**Mużajk** tat-22 ta' Jannar 2012 )

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (3)

i. Il-Moviment *Hospice* se jiġbor il-flus biex jgħin lill-(fqar, morda, isportivi).

ii. Il-viżjoni u l-kuraġġ tal-*Hospice* kienu ppremjati bl-għażla ta' (pittur, artist ta' *Hollywood*, tenur).

iii. Il-kunċert se jsir (il-Belt, Għawdex, il-Ħamrun).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (3)

i. Busietta għamel għaxar snin f'k___________ professjonali.

ii. Twieled l-A____________ minn ġenituri Maltin.

iii. Hu kien involut fil-m__________ minn età żgħira.

3. Wieġeb il-mistoqsijiet: (6)

i. Għaliex Busietta jqis ruħu ffortunat?

________________________________________________________________

ii. X'se jagħmel il-Professur Michael Laus?

________________________________________________________________

iii. Minn fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-kunċert?

________________________________________________________________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Qabbel **Kolonna A** ma' **Kolonna B** ħalli tkompli s-sentenzi, bħal fl-eżempju: (6)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** | |
|---|---|---|---|
| 1 | Stennejna | | bil-mod. |
| 2 | Jekk ma jinqala' xejn | | qagħdu madwar mejda. |
| 3 | Is-Sur Gatt daħal fl-uffiċċju | | baxx, baxx. |
| 4 | Filgħodu | | regolarment. |
| 5 | Il-politiċi | **1** | bil-kwiet lill-ġenituri. |
| 6 | Anna ħarġet mill-klassi | | titla' x-xemx. |
| 7 | Tanya tilgħab it-tennis | | għada mmur sal-Belt. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa, bħal fl-eżempju: (

i. L-ewwel mort Londra, imbagħad mort Pariġi.

ii. Ma nħobbx il-ħelu u __________ il-frott.

iii. Wenzu _____ Rożi huma żewġ karattri ferrieħa.

iv. __________ tagħmel kif ngħidlek inkella tbati.

v. __________ d-DVDs li tajtek, nixtieq intik ukoll *laptop*.

vi. Is-sewwieq mhux talli weħel multa talli weħel il-ħabs __________.

vii. Mario mhux xi tifel ħażin, _________ lanqas hu xi anġlu.

| |
|---|
| lanqas, Jew, **imbagħad**, ukoll, u, imma, lanqas, Minbarra |

3. Erġa' ikteb din is-silta bil-punteġġjatura f'postha. (8)

nixtieq tant li jkollna kelb bħala *pet* qalet lisa lil ħuha mark waqt li kienu fi triqithom lejn marsaxlokk

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Erġa' ikteb is-sentenzi bħal fl-eżempju: (8)

i. Il-purtinara tnaddaf il-klassi kuljum.

Il-klassi titnaddaf mill-purtinara kuljum.

ii. It-trakk laqat lill-kelb.

______________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

iii. L-Air Malta kkanċellat it-titjiriet.

______________________________________________________________

iv. Balotelli skorja l-gowl li ta r-rebħa.

______________________________________________________________

v. L-istudenti organizzaw il-ħarġa.

______________________________________________________________

## Ċ. Malti Prattiku (6 marki)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tkompli dan ir-rapport f'gazzetta.

### Suspett ta' bomba fl-ajruport

Basket ta' *laptop* li tħalla qrib il-magna tal-ħlas tal-_______________ fl-Ajruport ___________________ ta' Malta minn raġel mhux identifikat, qajjem suspett tant li s-sala tal-wasla, bħala prekawzjoni, kienet ______________. Dan seħħ ilbieraħ għall-ħabta tas-2.20 ta' waranofsinhar meta l-______________tas-sigurtà tal-MIA innotaw fuq il-kameras tas-sigurtà raġel ħiereġ mis-sala tal-wasla jarmi basket u jitlaq jiġri minn fuq il-post. Bħala _______________ kienu evakwati dawk kollha li kienu fis-sala tal-wasla. Permezz ta' apparat speċjalizzat il-membri ħadu *x-ray* tal-basket biex ikun aċċertat li ma kienx hemm xi splussiv fih. Kien għall-ħabta tal-5.00 ta' filgħaxija li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta reġa' beda jaħdem b'mod ______________.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| evakwata, | membri, | parkeġġ, | normali, | prekawzjoni, | Internazzjonali |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| D. Letteratura | (24 marka) |
|---|---|

**A.** ***BEJN ĦALTEJN*** (12-il marka)

Aqra l-poeżija u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

## Silta minn *Katrin tal-Imdina,* ta' Dwardu Cachia

"Isimgħu dil-ġrajja,
U żommu b'tifkira
Il-għors ta' żewġ għonja
Mill-aktar tal-gżira.
Nofs Malta bi ħġarha,
Biex tara 'l Katrina
Ittejjeġ mal-ħakem,
Tmur bikri l-Imdina.

Bir-rassa minn kmieni
Miżgħud kollox kien,
Fejn rasek iddaħħal
Ma fadal imkien;
Id-dar hi maħnuqa,
Bħal bajda mimlija
Imżejna bil-ħxejjex
Għall-għors imħejjija."

i. X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija? (1)

_______________________________________________

ii. Liema ġrajja tissemma f'din il-poeżija? (1)

_______________________________________________

iii. Min huma l-protagonisti ta' din il-ġrajja? (2)

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

iv. Fejn kien mimli bin-nies? (1)

________________________________________________________

v. Mit-tieni strofa, sib u ikteb **similitudni**. (1)

________________________________________________________

vi. Ikteb kelma oħra minflok ***għors***. (1)

________________________________________________________

vii. Il-versi ta' din il-poeżija huma (a) tal-ħdax ___
(b) tas-sitta ___
(ċ) ħielsa ___ (1)

viii. Sib u ikteb eżempju ta' rima. (1)

________________________________________________________

ix. X'jiġri fl-aħħar tal-poeżija? (3)

________________________________________________________

________________________________________________________

**B. *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*** (12-il marka)

(1) Imla l-vojt ta' din is-silta bil-kliem mill-kaxxa t'isfel. (7)

__________ ħafifa mellsitilha __________, twil u __________bix-_________. Ħarrket xofftejha u __________, u minnufih għajnejha, li kienu jagħtu fl-ikħal bħas-sema ta' dakinhar u bħall-baħar ta' taħtna, taw titwila ħafifa lejn __________ tal-bejt li dak il-ħin kien għaddej itir moħħu f'xi __________ oħra.

| |
|---|
| xemx, serqa, xagħarha, qastni, tbissmet, Żiffa, għasfur |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(2) Wieġeb il-mistoqsijiet.

i. X'kien jisimhom iż-żewġ protagonisti tar-rumanzett? (2)

________________________________________________

ii. X'messaġġ jingħata fl-aħħar tal-ġrajja? (3)

________________________________________________

________________________________________________

## E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri minn 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif f'rivista dwar wirja mill-artist Ingliż James Hoyle. (10)

| | |
|---|---|
| Dan Hoyle, mill-Ingilterra, ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar ħames snin u nofs u beda jpinġi madwar erba' snin ilu. | |
| L-artist James Hoyle bħalissa għandu wirja ta' pittura f'La Rive, 33 u 34 fix-Xatt ta' Tignè f'Tas-Sliema. | **1** |
| Għal aktar informazzjoni tista' tibgħat *email* fuq bandicoot115@gmail.com. | |
| Minbarra xeni fil-kampanja, tinkludi wkoll xeni mill-għoli tal-muntanji u wkoll tal-baħar fil-qawwa kollha tiegħu. | |
| Il-wirja tinkludi pittura taż-żejt fuq il-kanvas li turi pajsaġġi fil-kampanja. | |
| Hoyle imidd idejh ukoll għal pittura astratta mimlija b'kuluri vibranti li joħorġu l-qawwa tal-ispirtu. | |

**U**

2. Ikteb madwar **200** kelma dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20)

   **i. L-isbaħ ġurnata tal-ġimgħa** (liema hi? - kif tqatta' din il-ġurnata - għaliex togħġbok? - kif tħossok?)

   ***Jew***

   **ii. Il-festa tar-raħal** (il-qaddis/a - meta taħbat il-festa - it-tiżjin - il-marċijiet - il-purċissjoni - il-logħob tan-nar)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers